# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum it-Tlieta, 21 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 9**
**Rikors Numru : 178/2017/LSO**

**Marcus John Scicluna Marshall (K.I. 617564M) bhala amministratur tal-beni tal-mejjet Markiz John Scicluna**

**vs**

**Patrick Grima (K.I. 343669M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Marcus John Scicluna Marshall (K.I. 617564M) bhala amministratur tal-beni tal-mejjet Markiz John Scicluna datat 24 ta' Frar 2017 fejn ikkonferma : -

Illi r-rikorrent huwa proprjetarju ta' fond, konsistenti f'appartament internament innumerat bin-numru erbgha (4) u formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru tnejn u ghoxrin (22) li jinsab gewwa Triq il-Foss, il-Birgu;

L-intimat qieghed jokkupa jew jippretendi xi dritt fuq, l-imsemmi fond, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* illi l-intimat qieghed jokkupa jew jippretendi xi dritt fuq, l-imsemmi fond, minghajr ebda titolu validu fil-ligi u li fil-fehma tar-rikorrent, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna, joghgobha tisma' u tiddecidi it-talbiet tar-rikorrent bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat qed jokkupa jew jippretendi xi dritt fuq il-fond, konsistenti f'appartament internament innumerat bin-numru erbgha (4) u formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru tnejn u ghoxrin

(22) li jinsab gewwa Triq il-Foss, il-Birgu, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-imsemmi fond fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-intimat ghas-subizzjoni. B' riserva ta' kull azzjoni ohra kompetenti lir-rikorrent, inkuza dik ghad-danni minnu sofferti minhabba l-okkupazzjoni illegali da parti tal-intimat.

Rat id-digriet tat-28 ta’ Frar 2017 (fol 3) fejn il-Qorti appuntat r-rikors ghas-seduta ta’ nhar il-21 ta’ Marzu 2017 fid-9:30am b’ ordni lill-intimat biex jidher f’ dik il-gurnata u jwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnifuh ir-rikors billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti. Il-Qorti ordnat in-notifika tal-avviz tas-smigh tar-rikors lill-partijiet permezz tal-purtier.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 21 ta’ Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Jonathan Abela Fiorentino li assocja ruhu fil-patrocinju tal-attur ma' Dr Stephen Muscat. L-intimat Patrick Grima msejjah tliet darbiet ma deherx.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Rat ir-rikors.

Rat li l-intimat debitament innotifikat ma deherx ghal din is-seduta.

Rat l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 *et seqitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghal fini tat-tieni talba tordna lill-intimat biex jizgombra mill-fond fiz-zmien perentorju ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata mil-lum.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Marzu 2017**